

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/959

tal-24 ta' Frar 2017

dwar il-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti ta' iżolazzjoni termali ffurmati fuq il-post abbażi taċ-ċelluloża (LFCI) tal-istandard EN 15101-1 fir-rigward tas-sedimentazzjoni orizzontali u l-assorbiment tal-ilma fuq żmien qasir skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Meta l-Kummissjoni ma tkunx stabbiliet klassijiet ta' prestazzjoni b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti għall-bini, skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 dawn jistgħu jiġu stabbiliti mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, iżda biss abbażi ta' mandat rivedut.
- (2) L-istandard Ewropew tal-prodotti EN 15101-1 dwar prodotti ta' iżolazzjoni termali ffurmati fil-post abbażi taċ-ċelluloża (LFCI) jinkludi klassifikazzjonijiet ta' prestazzjoni fir-rigward ta' tnejn mill-karatteristiċi essenzjali tagħha, is-sedimentazzjoni f'applikazzjonijiet orizzontali, fuq loftijiet u fuq artijiet, kif ukoll l-assorbiment tal-ilma fuq żmien qasir. Dawn il-klassifikazzjonijiet jirrappreżentaw pass 'il quddiem lejn il-konsolidazzjoni tas-suq intern għall-prodotti inkwistjoni.
- (3) Għal dawk il-klassifikazzjonijiet il-ġodda, ma nħariġx mandat rivedut.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti sistemi ta' klassifikazzjoni ġodda li għandhom jintużaw għal prodotti koperti minn EN 15101-1,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prestazzjoni tal-prodotti ta' iżolazzjoni termali ffurmati fil-post abbażi taċ-ċelluloża (LFCI), fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali ta' sedimentazzjoni tagħhom f'applikazzjonijiet orizzontali, fuq loftijiet u fuq artijiet, kif ukoll tal-assorbiment tal-ilma ffuq żmien qasir, għandha tiġi kklassifikata skont is-sistemi ta' klassifikazzjoni stabbiliti fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠUL 88, 4.4.2011, p. 5.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Tabella 1

Klassijiet ta' sedimentazzjoni f'applikazzjonijiet orizzontali, fuq loftijiet u fuq artijiet

Klassi	
SH 0	L-ebda sedimentazzjoni li tista' titkejjel ($\leq 1\%$)
SH 5	$\leq 5\%$
SH 10	$\leq 10\%$
SH 15	$\leq 15\%$
SH 20	$\leq 20\%$
SH 25	$\leq 25\%$
SH 30	$> 25\%$

Tabella 2

Klassijiet ta' assorbiment tal-ilma fuq żmien qasir

Klassi	
WS 1	$\leq 1,0 \text{ kg/m}^2$
WS 2	$\leq 2,0 \text{ kg/m}^2$
WS 3	$> 2,0 \text{ kg/m}^2$